Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 656/98

Maltacom p.l.c

Vs

Saviour u Rita konjugi Galea

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' mija tmienja u tletin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm138.46) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz bin-numru 691043 gia 786053 (skond kif jirrizulta mill-`istatement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Flt/4, Blk/A Carmen Flats, Mater Boni Consigli Street, Fgura u dana skond ma kif jidher minn Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru, 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew:-

1. Preliminarjament il-privilegium fori in kwantu billi l-konvenuti jirrisjedu f'Ghawdex jispetta lilhom il-jedd li jigu mharrka quddiem il-Qorti ta' dik il-gzira.

2. Preliminarjament ukoll hemm il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici u dan fit-termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuti jeccepixxu li l-ammont mitlub ma hux dovut minnhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 1999 fejn il-konvenuti rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Il-konvenuti f'din il-kawza m'humiex qed jikkontestaw illi effettivament kienu huma li kienu applikaw ghall-istallazzjoni tat-telefon in kwistjoni fil-fond Flt/4, Blk/A Carmen Flats, Mater Boni Consigli Street, Fgura. Dak li jikkontendu huwa illi huma kienu rrinunzjaw u m'ghamlux uzu minn dan is-servizz ta' telefon qabel l-1993 f'liema data huma sahansitra kienu ttrasferew il-fond lill-terzi persuni. Dan it-trasferiment jirrizulta ampjament mill-kuntratt esebit tal-20 ta' Mejju 1993.

Inoltre l-konvenut Saviour Galea isostni illi qabel din id-data l-atturi stess kienu diga' nehhew mill-post is-servizz tat-telefon u jikkonferma li la linja u lanqas apparat tat-telefon ma' kien ghadu nstallat fil-fond dan iz-zmien.

Ghalhekk kien jispetta lill-atturi illi jipproducu prova iktar dettaljata dwar ghal-liema perjodu huma qeghdin jitolbu l-hlas ta' mija u tmienja u tletin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm138.46c) indikati fl-avviz. L-atturi llimitaw ruhhom biss li jindikaw illi sat-23 ta' Settembru tal-1997 dan l-ammont kien ghadu dovut mill-konjugi Galea.

Dan in-nuqqas tal-atturi li jispecifikaw dettaljatament ghal liema perjodu u ghal liema servizz huma qeghdin jitolbu l-ammont indikat fl-avviz, jipprekludi wkoll lil din il-Qorti milli tista' tindaga l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-istess konvenuti.

Ghaldaqstant, stante dan in-nuqqas, il-Qorti ssib illi l-atturi ma pprovawx sodisfacentement t-talba taghhom u tichad it-talba.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg